MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Numru 303/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Johann J Fenech**
**vs**
**Paul Casha**
**Stephen Parnis**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Paul Casha ta' 44 sena iben Joseph u Paola nee' Psaila mwieled Pieta fl-4 ta' Gunju 1961 u residenti 67 Mdina Road Qormi, ID 366461 (M).**

**U**

**Stephen Parnis ta' 38 sena iben Zaren u Victoria nee' Azzopardi mwieled Pieta fil-31 ta' Mejju 1967 u residenti Plot 4 'Mon Cheri' Triq l-Algerija Naxxar, ID 234367 (M).**

**Stephen Parnis wahdu akkuzat talli fid-29 ta' Marzu 2005 ghall-habta tal-17.00hrs fil-fabbrika Asfaltar Ltd f'Hal Far volontarjament kkaguna hsarat fuq it-trakk ta' l-ghamla Leyland bin-numru tar-registrazzjoni CBA 731 propjeta ta' Paul Casha minn Hal Qormi, liema hsarat jammontaw ghal LM112.10.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin hedded lill-istess Paul Casha b'hadida kif ukoll talli kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data ghall-habta tal-15.30hrs f'Gudja Road Gudja saq it-trakk ta' l-ghamla Leyland bin-numru tar-registrazzjoni DAL 441 b'manjiera perikoluza u traskurata.**

**Paul Casha wahdu akkuzat talli fid-29 ta' Marzu 2005 ghall-habta ta' 17.00hrs fil-fabbrika Asfaltar Ltd f'Hal Far, volontarjament kkaguna hsarat fuq it-trakk ta' l-ghamla Leyland bin-numru tar-registrazzjoni DAL 441 propjeta ta' Stephen Parnis min-Naxxar, liema hsarat jammontaw ghal LM708.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin hedded lil Stephen Parnis b'hadida kif wkoll kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data ghall-habta tal-15.30hrs f'Gudja Road Gudja saq it-trakk ta' l-ghamla Leyland bin-numru tar-registrazzjoni CBA 731 b'manjiera perikoluza u traskurata.**

**Rat l-atti kollha tal-process.**

**Rat li l-imputati rrinunzjaw fis-seduta ta' llum li jixhdu kontra xulxin u li rrangaw il-pendenzi bejnethom u ddikjaraw li hadd minnhom ma ghandu xi drittijiet jew pendenzi kontra l-iehor.**

**Rat li l-imputazzjoni numru 6 hija preskritta.**

**Rat li minghajr ix-xhieda ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra kollha ta’ l-imputati ma hemmx provi bizzejjed.**

**Ghaldaqstant minhabba nuqqas ta’ provi qed tillibera liz-zewg imputati minn kull imputazzjoni dedotta kontra taghhom u minhabba preskrizzjoni qed tillibera lill-imputat Paul Casha mill-imputazzjoni numru 6.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------